MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta 23 ta' Settembru, 2020

Rikors Ġuramentat Numru 240/2015LM

**L-Avukat Dottor Siegried Borg Cole bħala mandatarju speċjali ta' Dottor Marco Lacchini assenti minn Malta, u permezz ta' prokura speċjali tat-18 ta' Jannar, 2016, L-Avukat Nicola Gandini assuma l-atti ta' din il-kawża meta ġie maħtur minflok l-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole (I.D. 360554M) bħala mandatarju speċjali ta' Dottor Marco Lacchini (Passaport Taljan bin-numru F943296) li jinsab assenti minn Malta u fis-27 ta' Ġunju 2016 l-attur Dr. Marco Lacchini assuma l-atti tal-kawża minflok il-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Nicola Gandini**

*(l-attur)*

***vs.***

**Alain Mangion (I.D. 405263M); Dr Maria sive Mariella Mangion (I.D. 17965M), mart l-istess Alain Mangion; Credinvest International Corporate Finance Limited (C 21795); u Athos International Limited (C 22781)**

*(il-konvenuti)*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fis-16 ta’ Marzu, 2015, mill-attur **l-Avukat Dottor Siegried Borg Cole bħala mandatarju speċjali ta’ Dottor Marco Lacchini assenti minn Malta, u permezz ta’ prokura speċjali tat-18 ta’ Jannar, 2016, ġie maħtur l-Avukat Nicola Gandini minfloku u aktar tard fis-27 ta’ Ġunju, 2016, assuma l-atti tal-kawża l-attur proprio** [minn issa ’l quddiem “l-attur”] kontra l-konvenuti **Alain Mangion** [minn issa ’l quddiem “il-konvenut Mangion”]**, Dr Maria sive Mariella Mangion mart l-istess Alain Mangion** [minn issa ’l quddiem “il-konvenuta Mangion”], **Credinvest International Corporate Finance Limited** [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà konvenuta Credinvest”] u **Athos International Limited** [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà konvenuta Athos”] li jgħid kif ġej:

> *"1. Illi l-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole (K.I. 360554M) huwa mandatarju speċjali ta' Dottor Marco Lacchini (li għandu Karta tal-Identità Taljana bin-numru ATI 797329 u Passaport Taljan bin-numru F943296).*
>
> *2. Illi Dottor Marco Lacchini huwa l-konsulent finanzjarju u l-mandatarju ta' diversi socjetajiet, fosthom Tecnofin S.A. (numru tar-reġistrazzjoni BI 81.353), Cote D'Emeraude S.A. (numru tar-reġistrazzjoni BI 80.724), Aurans Investments Holding S.A. (numru tar-reġistrazzjoni BI 86.048), u Building Investments Holding S.A. (numru tar-reġistrazzjoni BI 86.088), ilkoll reġistrati l-Lussemburgu.*
>
> *3. Illi fil-laqgħat bejn Dottor Marco Lacchini u l-konvenut Alain Mangion, l-istess Alain Mangion ippresta ruħu li huwa ex Ambaxxatur għal Malta, ikkwalifikat b'Baċellerat u b'Master's degree fil-*marketing *kif ukoll bħala awditur (CPA) b'esperjenza f'dawn kollha u speċjalment fis-settur finanzjarju, u huwa personalment flimkien mas-soċjetajiet kummerċjali li l-istess Alain Mangion juża fosthom Credinvest International Corporate Finance Limited, joperaw fost l-oħrajn minn u ġol-Ewropa sabiex jipprovdu krediti lill-klijenti tagħhom u assistew numru sostanzjali ta' klijenti fuq diversi proġetti internazzjonali kbar b'finanzjament.*

*4. Illi abbażi ta' dawn il-prestazzjonijiet u wegħdiet da parti ta' Alain Mangion, f'Ottubru 2013, Dottor Marco Lacchini għan-nom ta' Tecnofin S.A., Cote D'Emeraude S.A., CH International Holding S.A., u IBSE International, ħass li jista' jafda lill-istess Alain Mangion u għaldaqstant talab u awtorizza s-servizzi prestati mill-imsemmi Alain Mangion personalment kif ukoll għan-nom fost l-oħrajn ta' Credinvest International Corporate Finance Limited.*

*5. Illi abbażi ta' dawn il-wegħdiet, Dottor Marco Lacchini, kif mitlub minn Alain Mangion, ħallas akkont: għaxart elef euro (€10,000.00) fit-30 t'Ottubru 2013, lil Credinvest International Corporate Finance Limited (C 21795), għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fit-18 ta' Novembru 2013, lil Athos International Limited (C 31696), għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fid-9 ta' Dicembru 2013, lil Athos International Limited (C 31696), u għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fit-30 ta' Jannar 2014, lil CEA Mangion, ilkoll ta' 157, Archbishop Street, Valletta minn fejn Alain Mangion jiġġestixxi n-negozju u l-professjoni tiegħu f'Malta.*

*6. Illi fi Frar 2014, Alain Mangion fl-apparenza pprovda soluzzjoni finanzjarja għal Tecnofin S.A. u Cote D'Emeraude S.A. bl-użu,* leasing *u finazjament fuq erba' bonds tal-gvern Ġermaniż għal miljun euro (€1,000,000.00) kull bond, liema bonds l-istess Alain Mangion kien informa lil Dottor Marco Lacchini li kienu fil-pussess ta' Banco Espirito Santo, f'Lisbona fil-Portugall.*

*7. Illi dawn il-finazjamenti kif proposti minn Alain Mangion kemm personalment kif ukoll għan-nom fost l-oħrajn ta' Credinvest International Corporate Finance Limited, kienu jirrikjedu inter alia u qabel ma jseħħ l-istess finanzjament, li jiġu kostitwiti da parti tal-klijent, strutturi fiduċjarji indipendenti mill-istess entitajiet li kienu ser jirċievu l-istess finanzjament, u għaldqastant Dottor Marco Lacchini ħa ħsieb li jidħlu fis-seħħ tali strutturi fiduċjarji ġewwa l-Lussemburgu u dan bi spiża addizjonali ta' aktar minn mija u tletin elf euro (€1,30000.00).*

*8. Illi skont il-ftehim oriġinali kif propost mill-konvenuti jew min minnhom, dawn il-bonds kellhom jiġu monetised minn Omada Investment Management Limited ta' Londra fl-Ingilterra.*

*9. Illi abbazi ta' ftehim milħuqa, liema ftehim ġew ukoll iffirmati minn Alain Mangion għan-nom ta' Credinvest International Corporate Finance Limited bħala garanti, u b'istruzzjonijiet mingħand Alain Mangion, Dottor Marco Lacchini ħallas lil Athos International Limited ħamsin elf euro (€50,000.00) fis-7 t'April 2014, u pagament ieħor ta' ħamsin elf euro (€50,000.00) oħra fl-14 t'April 2014.*

*10. Illi minkejja dawn il-ftehim, spejjeż u pagamenti, il-finazjament imwiegħed mill-konvenuti jew min minnhom qatt ma seħħew.*

*11. Illi wara dan kollu, Alain Mangion ta istruzzjonijiet lil Dottor Marco Lacchini li Rhyperion Capital S.r.o. ta' Bratislavia fis-Slovakkja kienet lesta li tieħu post ta' qabilha għal tali* monetisation *tal-bonds, bl-intiż li l-flejjes sa issa imħallsa lil konvenuti jew min minnhom u jew kif min minnhom mitluba, ammontati għal aktar minn mija u erbgħin elf euro (€140,000.00) ma jintilfux u jitħallsu, fuq parir tiegħu lil Rhyperion Capital S.r.o. sabiex iseħħ dan il-finanzjament, u li jintużaw l-istess strutturi fiduċjarji ġja ppreparati u fis-seħħ ġol-Lussemburgu li kienu ġja swew lil Dottor Marco Lacchini aktar minn mija u tletin elf euro (€130,000.00).*

*12. Illi Dottor Marco Lacchini kien qiegħed jiġi rinfaċjat bil-problema li sa issa fi kważi disa' xhur, huwa kien ġja nefaq aktar minn mitejn u sebgħin elf euro (€270,000.00), oltre diversi spejjeż oħra ta' safar, pariri professjonali u anċillari oħra; u di più kien ukoll rinfaċċjat bi problema akbar li l-klijenti ta' Dottor Marco Lacchini bdew jiddubitaw mill-fiduċja u l-pariri tal-istess konsulent u mandatarju tagħhom - l-imsemmi Dottor Marco Lacchini, ġialadarba dawn l-istess klijenti kienu ġew infurmati bl-andament kollu sa issa; imwiegħda dawn l-istess klijenti bil-finanzjamenti tal-proġetti tagħhom, kif kien ġie del resto imwiegħed l-istess Dottor Marco Lacchini mill-konvenuti jew min minnhom; allura wara l-infiq ta' dawn l-ispejjeż kollha u wara din id-disfatta u telf ta' żmien, kien xi ftit ta' nifs ġdid meta f'Ġunju 2014, permezz tal-istess Alain Mangion, intlaħaq ftehim ġdid, anka jekk Dottor Marco Lacchini kellu jħallas lil Alfonso Santanicola kif istruwit mill-konvenut Alain Mangion ħamsin elf euro (€50,000.00) oħra, liema ħlas sar permezz ta' żewg pagamenti, u ċioè b'pagament ta' tletin elf euro (€30,000.00) fit-12 ta' Ġunju 2014, u pagament ieħor ta' għoxrin elf euro (€20,000.00) fl-24 ta' Gunju 2014.*

*13. Illi fit-30 ta' Ġunju 2014, Alain Mangion bagħat lil Dottor Marco Lacchini kopji ta' SWIFT FIN 103 ittimbrati u ffirmati, allegatament mibgħuta mill-Banco Espirito Santo a favur Bank ING Luxembourg S.A., dan tal-aħħar bħala l-bank ta' Tecnofin S.A. u ta' Cote D 'Emeraude S.A.*

*14. Illi ftit taż-żmien wara, Alain Mangion bagħat lil Dottor Marco Lacchini kopji ta' SWIFT MT103 datati l-1 t'Awwissu 2014, rigwardanti allegat trasferiment ta' tmien mitt elf euro (€800,000.00) u miljun u sitt mitt elf euro (€1,600,000.00) minn VTB Bank (Austria) AG a favur Bank ING Luxembourg S.A., b'Tecnofin S.A. bħala s-socjetà benefiċjarja, u dan bl-allegat intervent ta' Rhyperion Capital S.r.o. u VTB Bank (Austria) AG.*

*15. Illi l-istess Tecnofin S.A. u Cote D'Emeraude S.A. u klijenti oħra ta' Dottor Marco Lachini - Aurans Investments Holding S.A. u Building Investments Holding S.A. daħlu fi ftehim għal* monetisation *ta' bonds permezz ta' Rhyperion Capital S.r.o.*

*16. Illi wara rriżulta li tali* monetisation *ta' bonds u trasferimenti ta' fondi qatt ma kienu effettivament seħħew.*

*17. Illi f'Awwissu 2014, l-avukat Taljan Avv. Alessandro Santoro għan-nom ta' Tecnofin S.A., Cote D'Emeraude S.A., Aurans Investments Holding S.A. u Building Investments Holding S.A. talab informazzjoni mingħand l-Banco Espirito Santo u VTB Bank (Austria) AG rigwardanti l-kuntratti li dawn iż-żewġ banek kienu allegatament iffirmaw mal-klijenti tiegħu, u filwaqt li l-Banco Espirito Santo baqa' ma ta l-ebda informazzjoni definittiva, VTB Bank (Austria) AG infurmah li huma ma jafux b'tali kuntratti.*

*18. Illi Omada Investment Management Limited infurmat lil Tecnofin S.A. li din tal-aħħar naqset mill-obbligazzjonijiet minnha assunta u f'dan ir-rigward Tecnofin S.A. intalbet tħallasha danni ammontanti għal mija tmienja u erbgħin elf sitt mija u tmienja u sittin euro (€148,668.00), u wara din l-istess ġiet mitluba tħallas danni ammontati għal tliet mija u tlettax-il elf euro (€313,000.00); filwaqt li Cote D'Emeraude S.A. ġiet mitluba tħallas danni ammontati għal mitejn tlieta u sebgħin elf ħames mija tlieta u disgħin euro (€273,593.00).*

*19. Illi wara li Alain Mangion ippresta ruħu bħala l-persuna professjonali, kapaċi u idonea li jiffinalizza l-finanzjamenti mitluba minn Dottor Marco Lacchini, u l-istess konvenuti jew min minnhom wiegħdu diversi servizzi u effettivament wara li l-konvenuti jew minnhom ġew fdati, awtorizzati u mitluba jipprestaw tali servizzi minnhom jew min minnhom imwiegħda, u minħabba dan kollu tħallsu aktar minn tliet mija u għoxrin elf euro (€320,000.00), il-konvenuti mhux talli ma eżegwewx tali servizzi imwiegħda, iżda bl-aġir abbużiv tagħhom jew min minnhom wasslu lil Dottor Marco Lacchini isoffri danni u preġjudizzju konsitenti f'telf finanzjarju sostanzjali, f'telf fil-professjonalità, negozju u klijenti u jew xogħol u jew introjtu prospettiv tiegħu f'ammonti li għad iridu jiġu likwidati, oltre telf prospettiv ieħor f'danni li qed jintalbu jħallsu l-klijenti tiegħu liema danni huwa responsabbli għalihom l-istess Dottor Marco Lacchini stante li huwa kien qed jaġixxi għan-nom tal-istess klijenti sia bħala konsulent kif ukoll bħala mandatarju tal-istess, u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża.*

*20. Illi minkejja li permezz ta' ittra interpellatorja datata 20 t'Awwissu 2014 u permezz ta' ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru 2014, il-konvenuti ġew interpellati otre li jħallsu flejjes imħallsa għal servizzi imwiegħda mill-konvenuti liema servizzi qatt ma ġew reżi, anzi li fallew minħabba l-pretensjonijiet u jew manniġġi da parti tagħhom oltre il-ħlas ta' dawk id-danni sofferti mill-istess attur nomine liema danni seħħew minħabba n-nuqqasijiet da parti tal-konvenuti jew min minnhom, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*RAĠUNI TAT-TALBA*

*Illi Dottor Marco Lacchini bħala konsulent finanzjarju u mandatrju ta' diversi soċjetajiet esteri, fosthom Tecnofin S.A., Cote D'Emeraude S.A., Aurans Investments Holding S.A., u Building Investments Holding S.A., fittex servizzi finanzjarji għal finanzjament ta' xi proġetti ta' dawn is-soċjetajiet minnu rappreżentati.*

*Illi l-konvenut Alain Mangion ippresta ruħu li huwa għandu l-kwalifiki, l-esperjenza u l-kapaċità kemm personalment kif ukoll permezz tas-socjetajiet kummerċjali li l-istess Alain Mangion juża, fosthom Credinvest International Corporate Finance Limited li joperaw fost l-oħrajn minn u ġol-Ewropa sabiex jipprovdu krediti lill-klijenti tagħhom.*

*Illi abbazi ta' dawn il-prestazzjonijiet, pretensjonijiet u wegħdiet da parti tal-konvenuti jew min minnhom, f'Ottubru 2013, Dottor Marco Lacchini għan-nom ta' Tecnofin S.A., Cote D'Emeraude S.A., CH International Holding S.A., u IBSE International, talab u awtorizza s-servizzi apparentament ipprestati minn Alain Mangion personalment kif ukoll għan-nom fost l-oħrajn ta' Credinvest International Corporate Finance Limited.*

*Illi abbazi ta' dawn il-wegħdiet, Dottor Marco Lacchini, kif mitlub minn Alain Mangion, ħallas akkont: għaxart elef euro (€10,000.00) fit-30 t'Ottubru 2013, lil Credinvest International Corporate Finance Limited (C 21795), għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fit-18 ta' Novembru 2013, lil Athos International Limited (C 31696), għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fid-9 ta' Diċembru 2013, lil Athos International Limited (C 31696), u għaxart elef euro (€10,000.00) oħra fit-30 ta' Jannar 2014, lil CEA Mangion ilkoll ta' 157, Archbishop Street, Valletta minn fejn Alain Mangion jiġġestixxi n-negozju u l-professjoni tiegħu f'Malta.*

*Illi fi Frar 2014, il-konvenuti jew min minnhom fl-apparenza ipprovdew soluzzjoni finanzjarja għal Tecnofin S.A. u Cote D'Emeraude S.A., liema soluzzjoni kif proposta mill-konvenuti jew min minnhom, kienet tirrikjedi inter alia u qabel ma jseħħ l-istess finanzjament, li jiġu kostitwiti da parti tal-klijent, strutturi fiduċjarji indipendenti mill-istess entitajiet li kienu ser jirċievu l-istess finanzjament, u għaldaqstant Dr Marco Lacchini ħa ħsieb li jidħlu fis-seħħ tali strutturi fiduċjarji ġewwa l-Lussemburgu u dan bi spiża addizjonali ta' aktar minn mija u tletin elf euro (€130,000.00).*

*Illi abbazi ta' ftehim milħuqa u skont istruzzjonijiet tal-konvenuti jew min minnhom, Dottor Marco Lacchini ħallas lil Athos International Limited ħamsin elf euro (€50,000.00) fis-7 t'April 2014, u pagament ieħor ta' ħamsin elf euro (€50,000.00) oħra fl-14 t'April 2014.*

*Illi minkejja dawn il-ftehim u pagamenti, il-finazjament imwiegħed mill-konvenuti jew min minnhom qatt ma seħħew.*

*Illi wara dan kollu, Alain Mangion ta struzzjonijiet lil Dottor Marco Lacchini li Rhyperion Capital S.r.o. ta' Bratislavia fis-Slovakkja kienet lesta li tieħu post ta' qabilha għal tali* monetisation *tal-bonds, bl-intiż li l-flejjes sa issa imħallsa lil konvenuti jew min minnhom u jew kif min minnhom mitluba, ammontati għal aktar minn mija u erbgħin elf euro (€140,000.00), jitħallsu lil Rhyperion Capital S.r.o. sabiex iseħħ dan il-finanzjament, u li jintużaw l-istess strutturi fiduċjarji ġja ppreparati u fis-seħħ ġol-Lussemburgu li kienu ġja swew lil Dottor Marco Lacchini aktar minn mija u tletin elf euro (€130,000.00).*

*Illi minkejja li sa issa, Dottor Marco Lacchini kien ġja nefaq aktar minn mitejn u sebgħin elf euro (€270,000.00), oltre diversi spejjeż oħra ta' safar, pariri professjonali u anċillari oħra, mhux talli s-servizzi imwiegħda mill-konvenuti jew min minnhom kienu bla ebda riżultat pożittiv; il-fiduċja sa issa mhux mittifsa bejn Dottor Marco Lacchini u l-klijenti tiegħu, bdiet tiġi ddubitata, ġialadarba għalkemm dawn il-klijenti kienu infurmati b'dak kollu li kien seħħ sa issa, dawn l-istess dejjem ħallew f'idejn il-konsulent u mandatarju tagħhom - Dottor Marco Lacchini, li kien ġie ingannat bil-wegħdiet tas-servizzi promessi mill-konvenuti jew min minnhom, jekk mhux agħar, kif jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi wara din id-disfatta, telf ta' żmien, u nfiq ta' aktar minn mitejn u sebgħin elf euro (€270,000.00), Dottor Marco Lacchini ħa xi ftit ta' nifs ġdid meta f'Ġunju 2014, permezz tal-istess Alain Mangion, intlaħaq ftehim ġdid, anka jekk Dottor Marco Lacchini kellu jħallas lil Alfonso Santanicola kif istruwit mill-konvenut Alain Mangion ħamsin elf euro (€50,000.00) oħra, liema ħlas sar permezz ta' żewġ pagamenti, u ċioè b'pagament ta' tletin elf euro (€30,000.00) fit-12 ta' Ġunju 2014, u pagament ieħor ta' għoxrin elf euro (€20,000.00) fl-24 ta' Ġunju 2014.*

*Illi fit-30 ta' Gunju 2014, Alain Mangion bagħat lil Dottor Marco Lacchini kopji ta' SWIFT FIN 103 ittimbrati u ffirmati, allegatament mibgħuta mill-Banco Espirito Santo a favur Bank ING Luxembourg S.A., dan tal-aħħar bħala l-bank ta' Tecnofin S.A. u ta' Cote D'Emeraude S.A. u ftit żmien wara Alain Mangion bagħat lil Dottor Marco Lacchini kopji ta' SWIFT MT103 datati l-1 t'Awwissu 2014, rigwardanti allegat trasferiment ta' tmien mitt elf euro (€800,000.00) u miljun u sitt mitt elf euro (€1,600,000.00) minn VTB Bank (Austria) AG a favur Bank ING Luxembourg S.A., b' Tecnofin S.A. bħala s-soċjetà benefiċjarja, u dan bl-allegat intervent ta' Rhyperion Capital S.r.o. u VTB Bank (Austria) AG*

*Illi wara dan kollu l-istess Tecnofin S.A. u Cote D'Emeraude S.A. u klijenti oħra ta' Dottor Marco Lachini - Aurans Investments Holding S.A. u Building Investments Holding S.A. daħlu fi ftehim ieħor ta' finanzjament permezz tal-istess Rhyperion Capital S.r.o., introdotti mill-istess konvenuti jew min minnhom.*

*Illi wara rriżulta li tali trasferimenti u finanzjament qatt ma kienu reali u qatt ma kienu seħħew.*

*Illi Tecnofin S.A. u Cote D 'Emeraude S.A. ġew interpellati jħallsu mijiet tal-eluf ta' euro f'danni minħabba li allegatament dawn naqsu mill-obbligazzjonijiet minnhom assunti, kif jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża, u dan minhabba l-aġir abbużiv tal-konvenuti jew min minnhom u minħabba n-nuqqas ta' adempiment tas-servizzi imwiegħda u assunti mill-konvenuti jew min minnhom; liema danni fl-aħħar mill-aħħar jiġu jsejħu lill-istess attur nomine stante li Dottor Marco Lacchini kien fdat mill-istess klijenti tiegħu u huwa dejjem aġixxa bħala l-konsulent u l-mandatarju tal-istess klijenti li bħala tali huwa kien talab is-servizzi professjonali mingħand il-konvenuti jew min minnhom, liema servizzi imwiegħda qatt ma ġew finalizzati anzi ġew abbużati.*

*Illi wara li Alain Mangion ippresta ruħu bħala l-persuna professjonali, kapaċi u idonea li jiffinalizza l-finanzjamenti mitluba minn Dottor Marco Lacchini, u l-istess konvenuti jew min minnhom wiegħdu diversi servizzi u effettivament wara li l-konvenuti jew minnhom ġew fdati, awtorizzati u mitluba jipprestaw tali servizzi minnhom jew min minnhom imwiegħda, u minħabba dan kollu tħallsu aktar minn tliet mija u għoxrin elf euro (€320,000.00), il-konvenuti mhux talli ma eżegwewx tali sevizzi imwiegħda, iżda bl-aġir abbużiv tagħhom jew min minnhom wasslu lil Dottor Marco Lacchini isofri danni u preġudizzju konsistenti f'telf finanzjarju sostanzjali, f'telf fil-professjonalità, negozju u klijenti u jew xogħol u jew introjtu prospettiv tiegħu f'ammonti li għad iridu jiġu likwidati, oltre telf prospettiv ieħor f'danni li qed jintalbu jħallsu l-klijenti tiegħu liema danni huwa responsabbli għalihom l-istess Dottor Marco Lacchini stante li huwa kien qed jaġixxi għan-nom tal-istess klijenti sia bħala konsulent kif ukoll bħala mandatarju tal-istess, u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża.*

*Illi nonostante li l-konvenuti ġew interpellati anka uffiċjalment iħallsu l-flejjes imħallsa għal servizzi imwiegħda mill-konvenuti jew min minnhom liema servizzi qatt ma ġew reżi, anzi li fallew minħabba l-pretensjonijiet u jew manniġġi da parti tagħhom oltre il-hlas ta' dawk id-danni sofferti mill-istess attur nomine liema danni seħħew minħabba nuqqasijiet da parti tal-konvenuti jew min minnhom, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk l-attur ħarrek lill-konvenuti sabiex igħidu għaliex din il-Qorti għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, m'għandhiex:*

"1. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom li dawn l-istess kienu inadempjenti fis-servizzi minnhom jew min minnhom offruti lill-attur nomine.*

2. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom li dawn l-istess aġixxew b'mod abbużiv u illegali fil-konfront tal-attur nomine fis-servizzi minnhom jew min minnhom offruti lill-attur nomine.*

3. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom responsabbli għad-danni kollha, kemm dawk ta'* damnum emergens *kif ukoll ta'* lucrum cessans *sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza ta' dan l-aġir* da parti *tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-attur nomine.*

4. *Tillikwida dawk id-danni kemm dawk ta'* damnum emergens *kif ukoll ta'* lucrum cessans *sofferti mill-istess attur nomine b'konsegwenza ta' dan l-aġir* da parti *tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-attur nomine, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.*

5. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom iħallsu dawk id-danni hekk likwidati lill-atturi nomine kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 t'Awissu 2014, u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 2014, u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, u bl-imgħaxijiet legali fuq is-sommom mħallsa lill-konvenuti mid-data tal-istess ittra uffiċjali, u fuq il-bqija mid-data tas-senenza sad-data tal-effettiv pagament."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti ppreżentata fl-20 ta' Mejju, 2015, fejn eċċepew is-segwenti :

1. *Illi qabel xejn, b'kull rispett, il-mandatarju speċjali ta' l-attur Dottor Marco Lacchini għandu jippreżenta prova dokumentarja oriġinali u valida li turi li huwa għandu l-awtorità jaġixxi f'isem u għal Dottor Marco Lacchini;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-kuntest tal-fatti li dwarhom saru t-talbiet attriċi, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuti u l-attur Dottor Marco Lacchini;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn min-naħa waħda l-konvenuti Alain Mangion u martu Dr Maria sive Mariella Mangion personalment u min-naħa l-oħra l-attur Dottor Marco Lacchini;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti jeċċepixxu l-intempestività tat-talbiet attriċi fir-rigward ta' parti sostanzjali mill-istess talbiet;*

5. *Illi fuq il-mertu, it-talbiet tal-attur noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux minnu li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu inadempjenti fis-servizzi reżi;*

6. *Illi filwaqt li jeħtieġ li l-attur noe jipprova l-allegazzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' bwona fidi u ta' aġir abbużiv u illegali, il-konvenuti jiċħdu kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja u jirriżervaw id-drittijiet kollha tagħhom fil-liġi fil-konfront tal-attur in konnessjoni ma' din l-akkuża serja;*

7. *Illi dwar it-talba għad-danni, filwaqt li jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati, jiġi eċċepit li ma huma dovuti ebda danni stante li:*

   *[i] safejn qed jintalbu danni, li minn kif jistgħu jifhmu l-konvenuti, huma riżultanti minn inadempjenza fis-servizzi reżi, il-konvenuti bl-ebda mod ma kienu inadempjenti;*
   *[ii] safejn qed jintalbu danni rappreżentanti ammonti li l-klijenti tal-attur noe allegatament ġew interpellati jħallsu minn terzi persuni, fl-ewwel lok tali danni għadhom biss se mai danni potenzjali u fit-tieni lok hija res inter alios acta;*
   *[iii] safejn qed jintalbu danni rappreżentanti ammonti żborsati mill-attur noe, allura dawn ma huma danni xejn iżda se mai kellha tkun talba għal rimbors, u fi kwalunkwe każ xorta waħda ma għandux dritt għal rifużjoni ta' dawn l-ammonti kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti* ai termini *tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*1.1 Illi qabel xejn, b'kull rispett, il-mandatarju speċjali tal-attur Dottor Marco Lacchini għandu jippreżenta prova dokumentarja oriġinali u valida li turi li huwa għandu l-awtorità jaġixxi f'isem u għal Dottor Marco Lacchini. Tali prova għandha*

*tkun debitament eżegwita skont il-liġi u għandha tkun evidenza tal-mandat fil-mument li ġiet intavolata l-kawża odjerna;*

*2.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-kuntest tal-fatti li dwarhom saru t-talbiet attriċi, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuti u l-attur Dottor Marco Lacchini;*

*2.2 Illi anke minn dak dikjarat mill-attur stess fir-rikors maħluf tiegħu, jidher ċar li l-attur kien qed jaġixxi għan-nom ta' klijenti tiegħu u li kwalunkwe servizz reż mill-konvenuti jew min minnhom ġie hekk reż għall-benefiċċju ta' dawk il-klijenti u, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża, il-kuntratti rilevanti li ġew konklużi mal-kumpannija konvenuta Credinvest International Corporate Finance Limited u/jew mal-kumpannija konvenuta Athos International Limited, ġew iffirmati u konklużi direttament mal-klijenti tal-attur, filwaqt li l-attur kien qed iservi biss ta' 'intermedjarju'. Għalhekk se mai kellhom ikunu l-klijenti tal-attur li jmexxu proċeduri u mhux l-attur;*

*2.3 Illi in kwantu jirrigwarda l-konvenut Alain Mangion personalment, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika la mal-attur u lanqas mal-klijenti tiegħu ġjaladarba s-servizzi mertu tal-vertenza odjerna ġew provvduti mill-kumpanniji konvenuti, partikolarment Credinvest International Corporate Finance Limited (C21795), u mhux minnu personalment;*

*2.4 Illi in kwantu jirrigwarda l-konvenuta Dr Maria sive Mariella Mangion personalment, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika la mal-attur u lanqas mal-klijenti tiegħu stante li din ma għandha x'taqsam xejn mal-kumpanniji konvenuti u man-negozju u l-eżerċizzju tal-professjoni ta' żewġha;*

*3.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn min-naħa waħda l-konvenuti Alain Mangion u martu Dr Maria sive' Mariella Mangion personalment u min-naħa l-oħra l-attur Dottor Marco Lacchini;*

*3. 2 Illi dato ma non concesso li teżisti relazzjoni ġuridika mal-attur b'kuntrarju għal dak eċċepit fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, xorta waħda ma teżistix relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuti Alain Mangion u martu Dr Maria sive' Mariella Mangion personalment u l-attur, u dan għall-istess raġunijiet hawn qabel dikjarati, ossija li –*

*(i) in kwantu jirrigwarda l-konvenut Alain Mangion personalment, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika mal-attur ġjaladarba s-servizzi mertu tal-vertenza odjerna ġew provvduti mill-kumpanniji konvenuti, partikolarment Credinvest International Corporate Finance Limited (C21795), u mhux minnu personalment; u*

*(ii) in kwantu jirrigwarda l-konvenuta Dr Maria sive Mariella Mangion personalment, ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika mal-attur stante li din ma għandha x'taqsam xejn mal-kumpanniji konvenuti u man-negozju u l-eżerċizzju tal-professjoni ta' żewġha;*

*4.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti jeċċepixxu l-intempestività tat-talbiet attriċi fir-rigward ta' parti sostanzjali mill-istess talbiet;*

*4.2 Illi kif wieħed jista' jislet kemm mir-rikors maħluf tal-attur u kif ukoll mir-risposta tiegħu fl-atti tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 437/2015, jidher li parti ferm sostanzjali tat-talbiet tal-attur tikkonċerna allegati danni potenzjali naxxenti biss minn interpellazzjonijiet li saru minn terzi persuni esteri fil-konfront ta' klijenti tal-attur;*

*4.3 Illi f'dan il-kuntest allura, d-domanda naturali tqum dwar kif jista' l-attur jitlob danni f'dawn il-proċeduri fuq il-bażi ta' meri interpellazzjonijiet, li fuq kollox lanqas ma saru fil-konfront tal-attur iżda saru fil-konfront ta' klijenti tal-attur estranji għal dawn il-proċeduri? Dan huwa legalment u ġuridikament inkonċepibbli, apparti li huwa naturalment intempestiv;*

*5.1 Illi fuq il-mertu, it-talbiet tal-attur noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux minnu li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu inadempjenti fis-servizzi reżi;*

*5.2 Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-konvenuti jew min minnhom, isostnu li s-servizzi mitluba minnhom ġew provduti b'mod professjonali kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri;*

*6.1 Illi filwaqt li jeħtieġ li l-attur noe jipprova l-allegazzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' bwona fidi u ta' aġir abbużiv u illegali, il-konvenuti jiċħdu kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja u jirriżervaw id-drittijiet kollha tagħhom fil-liġi fil-konfront tal-attur in konnessjoni ma' din l-akkuża serja;*

*6.2 Illi huwa ironiku li l-attur qed jallega nuqqas ta' bwona fidi u aġir abbużiv u illegali da parti tal-konvenuti jew min minnhom. Kif inhu risaput, il-bwona fede hija preżunta u min jallega l-mala fede għandu jippruvaha u kif ukoll għandu jbati l-konsegwenzi jekk jonqos milli jipprova allegazzjoni serja bħal din. Jingħad biss f'dan l-istadju li d-diffikultajiet li spiċċa sab ma' wiċċu l-attur, daħal fihom huwa stess bl-azzjonijiet xejn professjonali tiegħu, u li saru minn wara dahar il-konvenuti jew minnhom;*

*7.1 Illi dwar it-talba għad-danni, filwaqt li jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati, jiġi eċċepit li ma huma dovuti ebda danni stante li:*

*[i] safejn qed jintalbu danni, li minn kif jistgħu jifhmu l-konvenuti, huma riżultanti minn inadempjenza fis-servizzi reżi, il-konvenuti bl-ebda mod ma kienu inadempjenti u għaldaqstant l-aġir tagħhom ma jagħtix lok għal danni;*
*[ii] safejn qed jintalbu danni rappreżentanti ammonti li l-klijenti tal-attur noe allegatament ġew interpellati jħallsu minn terzi persuni, <u>fl-ewwel lok</u> tali danni għadhom biss se mai danni potenzjali billi kif ġja dikjarat jekk xejn għad hemm biss interpellazzjonijiet u <u>fit-tieni lok</u> hija res inter alios acta billi tali interpellazzjonijiet allegatament saru minn terzi persuni fil-konfront ta' klijenti tal-attur, ilkoll estranji għal proċeduri odjerni. F'dawn iċ- ċirkostanzi ċertament il-konvenuti ma jistgħux jiġu kkundannati jħallsu tali danni lill-attur;*
*[iii] safejn qed jintalbu danni rappreżentanti ammonti żborsati mill-attur noe, allura dawn ma huma danni xejn iżda se mai kellha tkun talba għal rimbors, u fi kwalunkwe każ xorta waħda ma għandux dritt għal rifużjoni ta' dawn l-ammonti kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward jiġi dikjarat li <u>fl-ewwel lok</u>, l-ammonti li tħallsu lill-konvenuti jew min minnhom tħallsu kif miftiehem għal servizzi li ngħataw u li ngħataw tajjeb, u <u>fit-tieni lok</u>, jidher li fi kwalunkwe każ l-ammonti msemmija fir-rikors maħluf tal-attur huma eċċessivi;*

*8.1 Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*9.1 Illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12, Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi għar-raġunijiet spjegati, l-fatti kollha kif dikjarati mill-attur nomine, jeħtieġ illi jiġu ippruvati.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u dik tal-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza li qiegħda tingħata llum.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-vertenza odjerna essenzjalment tirrigwarda l-allegata nuqqas ta' adempjenza ta' servizzi finanzjarji da parti tal-konvenuti jew min minnhom, kif miftiehma mal-attur. Skont dak li jgħid l-attur fl-*affidavit* tiegħu[1], huwa jaħdem bħala konsulent finanzjarju u jirrappreżenta lis-soċjetajiet Tecnofin S.A., Cote d'Emeraude S.A., Aurans Investments Holding S.A. u Building Investments Holdings S.A., kollha reġistrata fil-Lussemburgu. Peress li dawn is-soċjetajiet kienu qegħdin ifittxu għajnuna finanzjarja konsistenti fi kreditu għall-proġetti rispettivi tagħhom, l-attur kien avviċina lill-konvenut Mangion fuq suġġeriment ta' terz, sabiex tinstab l-għajnuna finanzjarja neċessarja. L-attur jinsisti li l-mandat huwa kien tah direttament lill-konvenut Mangion versu l-ħlas ta' €10,000.00 fir-rigward ta' kull soċjetà li huwa kien jirrappreżenta u miegħu biss dejjem innegozja. Għandu jingħad mill-ewwel hawnhekk li l-verżjoni tal-attur ta' dak li ġara mhijiex preċiża u hija pjuttost xejn ċara f'partijiet minnha. L-attur ikompli jispjega li wara li saru l-pagamenti kollha sal-aħħar ta' Jannar 2014[2] skont il-fatturi maħruġa mis-soċjetà Credinvest[3] bejn it-30 ta' Ottubru, 2013, u t-13 ta' Novembru, 2013, fi Frar 2014 il-konvenut Mangion kien ippropona soluzzjoni għall-finanzjament rikjest mis-soċjetà Tecnofin S.A. [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà Tecnofin"] u dak rikjest mis-soċjetà Cote d'Emeraude S.A. [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà Cote d'Emeraude"]. L-attur jinsisti li l-konvenut Mangion kien qallu li s-soluzzjoni li kien sab kienet biss għal tnejn mill-erba' soċjetajiet u li l-istess konvenut Mangion ma seta' jagħmel xejn fir-rigward tat-tnejn l-oħra. B'hekk kien ippropona lill-attur sabiex dawn iż-żewġ

[1] Dok. M a *fol.* 43.
[2] Ara kopji tal-avviż u dokumenti oħra maħruġa mill-Banque CIC Suisse *a fol.* 76 sa 79.
[3] *A fol.* 72, 73, 74 u 75.

soċjetajiet jidħlu fi ftehim ta' *leasing* ta' żewġ *bonds* b'valur ta' €1,000,000.00, kull wieħed minnhom mal-Banco Espirito Santo S.A. [minn issa 'l quddiem "BES"] tal-Portugall u ftehim ieħor mas-soċjetà Omada Investment Management Limited [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà Omada"] ta' Londra, l-Ingilterra, sabiex dawk l-istess *bonds* jiġu *monetized* jew jittieħed is-self fuqhom permezz ta' rahan. Il-ftehim bejn BES u s-soċjetà Cote d'Emeraude u s-soċjetà konvenuta Credinvest bħala garanti, ġie ffirmat fis-27 ta' Frar, 2014[4], u kopja ta' dan il-ftehim kien bagħtulu l-konvenut Mangion permezz ta' *email*. Is-*Securities-Backed Loan Agreement* mas-soċjetà Omada ġie ffirmat bejn it-2 u t-3 ta' April, 2014.[5] Il-ftehim bejn is-soċjetà Tecnofin u l-konvenut Mangion in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Credinvest u l-Banco Espirito Santo ġie ffirmat fil-31 ta' Marzu, 2014[6], u għal darb'oħra dan wasal għandu mingħand il-konvenut Mangion permezz ta' *email.* Imbagħad bejn is-7 u l-11 ta' April, 2014, ġie ffirmat is-*Securities-Backed Loan Agreement* bejn is-soċjetà Tecnofin u s-soċjetà Omada. Min-naħa tiegħu l-attur għan-nom ta' dawn iż-żewġ kumpanniji ħallas l-ammont ta' €50,000.00 fir-rigward ta' kull waħda minnhom fil-kont tas-soċjetà konvenuta Athos fuq rikjesta tal-konvenut Mangion.[7] Fil-frattemp jirriżulta li l-attur iffirma *Letter of Engagement*[8] ma' Alfonso Santonicola [minn issa 'l quddiem "Santonicola"] valida għal sena fejn dan intrabat sabiex jipprovdi servizzi lill-attur billi jlaqqgħu ma' istituzzjonijiet finanzjarji li setgħu joffru self, jew li kienu lesti li jidħlu fi ftehim għal *leasing* u *factoring.* L-attur, filwaqt li jinsisti li l-konvenut Mangion kien qallu li kien

[4] *A fol.* 85.
[5] *A fol.* 88.
[6] *A fol.* 102.
[7] *A fol.* 101 u 110.
[8] *A fol.* 454.

neċessarju li jiġi ffirmat dan il-ftehim sabiex jiġu trasferiti l-*bonds,* fl-istess ħin qed jgħid li dan sar għaliex l-istess konvenut Mangion kien naqas milli jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu. Baqa' wkoll jinsisti li madankollu kien għall-ħabta tal-15 jew l-20 ta' Mejju, 2014, meta huwa kien iltaqa' ma' Santonicola personalment. Iżda s-soċjetà Omada baqgħet ma rċevietx il-*bonds* mingħand il-Banco Espirito Santo u fit-12 ta' Mejju, 2014 u fis-17 ta' April, 2014, rispettivament is-soċjetà Tecnofin u s-soċjetà Cote d'Emeraude rċevew ittra mingħand is-soċjetà Omada fejn din infurmathom bil-ksur tal-ftehim u żammithom responsabbli għad-danni.[9] L-attur kien kellem lill-konvenut Mangion li spjegalu li dak li kien ġara kien riżultat ta' żball u għalhekk issuġġerixxa li jsir l-istess ftehim kif fil-fatt sar fil-21 u fit-22 ta' Mejju, 2014, fejn ġie ffirmat *Securities Backed Loan Agreement* mal-BES.[10] Għal darb'oħra dan irċevieh permezz ta' *email* mingħand il-konvenut Mangion u l-oriġinal qatt ma wasal għandu. Meta għal darb'oħra l-attur irrikorra għand il-konvenut Mangion għal spjegazzjoni dwar dak li kien qed jiġri, dan tal-aħħar ippreżenta lill-attur is-soċjetà Slovakka bl-isem ta' Rhyperion Capital Sro [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà Rhyperion"] irrappreżentata minn Santonicola, fejn din kienet lesta li tiskontja l-*bonds.* Li ġara kien fil-fatt li ż-żewġ soċjetajiet Tecnofin u Cote d'Emeraude ffirmaw l-istess ftehim li kien sar mas-soċjetà Omada, din id-darba iżda ma' BES bħala *Lessor* u mas-soċjetà Rhyperion bħala garanti fit-3 ta' Ġunju, 2014[11], b'dan il-għan, u l-attur min-naħa tiegħu ħallas is-somma ta' €50,000.00 permezz ta' żewġ pagamenti separati rispettivament fit-12 ta'

[9] *A fol.* 313 *et. seq.*
[10] *A fol.* 167 u 175.
[11] *A fol.* 184 u 191.

Ġunju, 2014[12], u fil-24 ta' Ġunju, 2014[13], direttament lil Santonicola. Ġaladarba l-pagamenti kienu saru, kemm il-konvenut Mangion u anki Santonicola assigurawh li t-tranżazzjoni kienet qiegħda ssir u bħala prova il-konvenut Mangion bagħtlu kopja ta' Swift FIN 103 fit-30 ta' Ġunju, 2014, permezz ta' *email,* iżda t-trasferimenti ma sarux. L-attur ammetta hawnhekk li huwa kien għamel kuntatt mas-soċjetà Rhyperion direttament biex jingħata spjegazzjoni u permezz ta' Santonicola, Salvatore Vicidomini u Romando De Cesare, ġie suġġerit li jiġi ffirmat l-istess ftehim bejn l-erba' soċjetajiet li huwa kien jirrappreżenta, VTB Bank Austria AG tal-Awstrija u s-soċjetà Rhyperion.[14] Il-konvenut Mangion bagħtlu kopja ta' żewġ SWIFT MT103 datati l-1 ta' Awwissu, 2014[15], iżda t-trasferimenti u l-iskonti reġgħu ma sarux. L-attur qal li b'hekk bejn il-14 u t-18 ta' Awwissu, 2014[16], l-Avukat Alessandro Santoro f'isem l-erba' soċjetajiet interpella lil Banco Espirito Santo u VTB Bank għal spjegazzjoni. Min-naħa tiegħu huwa istitwixxa proċeduri hawn Malta kontra l-konvenuti fejn filwaqt li qed jitlob lil din il-Qorti sabiex issib li l-istess konvenuti jew min minnhom kienu inadempjenti fis-servizzi li huma offrew lill-attur u mxew b'mod abbużiv u illegali fil-konfront tiegħu, tant hu hekk li dawn huma responsabbli solidalment għad-danni sofferti minnu, u talab sabiex jiġu likwidati tali danni minn din il-Qorti u li l-konvenuti jew min minnhom solidalment iħallsu dawk l-istess danni kif likwidati.

---

[12] *A fol.* 199.
[13] *A fol.* 200.
[14] Ara *Financial Lease Agreement* magħmul mis-soċjetà Cote d'Emeraude, 21.07.14, a *fol.* 217, ieħor magħmul mis-soċjetà Aurans, 21.07.14, u ieħor magħmul mis-soċjeta' Tecnofin, 21.07.14, *Securities-Backed Loan Agreement* magħmul minn mis-soċjeta' Cote d'Emeraude, 21.07.14, a *fol.* 228, ieħor magħmul mis-soċjetà Aurans, 21.07.14, a *fol.* 291 u ieħor magħmul mis-soċjetà Tecnofin, 21.07.14, a *fol.* 239.
[15] A *fol.* 213 sa 215.
[16] Ara ittra għan-nom tas-soċjetà Cote d'Emeraude a *fol.* 251 u interpellazzjoni oħra għan-nom ta' kull waħda minn dawn is-soċjetajiet lis-soċjetà Rhyperion *a fol.* 340 sa 343.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti jwieġbu billi fl-ewwel lok jippretendu li l-mandatarju għandu jippreżenta prova dolumentarja oriġinali u valida fir-rigward tal-awtorità tiegħu. Għandu jingħad li din l-eċċezzjoni m'għadhiex valida stante li fis-27 ta' Ġunju, 2016, l-attur assuma l-atti tal-proċeduri odjerni f'ismu personali. Jeċċepixxu wkoll li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, u anki l-intempestività ta' wħud mit-talbiet attriċi. Fil-mertu huma jeċċepixxu li t-talbiet attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kienx minnu li huma kienu inadempjenti fis-servizzi reżi u lanqas li huma kienu aġixxew b'nuqqas ta' *bona fede* u b'mod abbużiv u illegali fil-konfront tal-attur. Dwar l-allegati danni sofferti minnu, il-konvenuti jwieġbu li dawn għandhom jiġu ppruvati, filwaqt li jsostnu li l-ebda danni mhuma dovuta għar-raġunijiet li qed jallega l-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur Dott. Marco Lacchini xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[17] Jispjega li huwa rreġistra ġewwa l-Lussemburgu il-kumpanniji Tecnofin S.A., Cote d'Emeraude S.A., Aurans Investments Holding S.A. u Building Investments Holding S.A. bin-numri ta' reġistrazzjoni rispettivi B181.353, B180.724, B186.048 u B186.088, fejn inkorra spejjeż kemm biex inkorporahom u anki għall-amministrazzjoni tagħhom fis-somma ta' €124,000. Stqarr li hu jaħdem bħala konsulent finanzjarju ta' dawn il-kumpanniji li tagħhom huwa kellu r-rappreżentanza skont id-dokumenti li huwa annetta mal-*affidavit* bħala M1.[18]

[17] *Ibid*.
[18] *A fol.* 50.

Min-naħa tiegħu l-konvenut Mangion kien azzjonist flimkien ma' Claude Mangion, u anki direttur flimkien ma' Philip Pontiero, tas-soċjetà konvenuta Credinvest, li kienet topera bħala *"finance company"* fl-Ewropa għat-tfittxija u għall-aċċess ta' kreditu lill-klijenti. Il-konvenut Mangion kien ukoll l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta Athos, li l-uniku azzjonista tagħha kienet is-soċjetà Intershore Fiduciary Services Ltd. Spjega kif f'Ottubru 2013 huwa għan-nom tas-soċjetajiet Tecnofin S.A., Cote Emeraude S.A., CH International Holding S.A. u IBSE International, kien inkariga lis-soċjetà konvenuta Credinvest sabiex issib soluzzjoni finanzjarja għall-kreditu meħtieġ minnhom. Huwa kien tkellem biss mal-konvenut Mangion u l-inkarigu kien ingħata lilu direttament bħala rappreżentant tas-soċjetà konvenuta Credinvest, fejn intalab ħlas għas-servizzi li kienu ser jingħataw ta' €10,000 għal kull kumpannija li huwa kien qed jirrappreżenta, jiġifieri b'kollox €40,000. L-erba' pagamenti kienu saru rispettivament fit-30 ta' Ottubru, 2013 lis-soċjetà konvenuta Credinvest, fit-18 ta' Novembru, 2013 lis-soċjetà konvenuta Athos, fid-9 ta' Diċembru, 2013 lis-soċjetà konvenuta Athos u fit-30 ta' Jannar, 2014 lil CEA Mangion. Fi Frar 2014, il-konvenut Mangion issuġġerixxa soluzzjoni finanzjarja biss fir-rigward tal-kumpanniji Tecnofin u Cote d'Emeraude, billi jiġu akkwistati u sussegwentement skontati żewġ *bonds* tal-Gvern Ġermaniż ta' valur ta' miljun Euro l-wieħed. Il-konvenut Mangion avżah li ma kienx sab l-istess *bonds* tal-gvern fir-rigward taż-żewġ kumpanniji l-oħra, iżda kien ser ifittex modalitajiet oħra ta' kreditu, iżda dan qatt ma għamlu minkejja l-ħlas għas-servizz tiegħu li huwa kien irċieva. Dan filwaqt li infurmah li l-investimenti kienu depożitati ma' BES. Kien ippreżentah ukoll b'isem kumpannija li setgħet tillikwida (*monetize) il-bonds,* jiġifieri s-soċjetà Omada fir-Renju Unit. L-istess

konvenut Alain Mangion kien ser jagħmel tajjeb għan-negozju kollu. Imbagħad fis-27 ta' Frar, 2014, is-soċjetà Cote d'Emeraude iffirmat ftehim ma' BES u mas-soċjetà konvenuta Credinvest għall-akkwist ta' żewġ *bonds* Ġermaniżi. Il-konvenut Mangion kien bagħatlu kopja ffirmatha minnu stess għan-nom tas-soċjetà konvenuta Credinvest u minn Luis Palma għan-nom ta' BES permezz ta' *email* sabiex jiffirmah huwa wkoll. L-oriġinal qatt ma wasal għandu. Il-ftehim kien jgħid li BES kien qed jintrabat sabiex jittrasferixxi dawn iż-żewġ *bonds* għall-pagament ta' €50,000 għal kull *bond,* liema ħlas kellu jsir lis-soċjetà konvenuta Credinvest. Bejn it-2 u t-3 ta' April, 2013, is-soċjetà Cote d'Emeraude ffirmat ftehim għal self mas-soċjetà Omada permezz tas-servizzi tal-konvenut Mangion. Permezz ta' dan il-ftehim, din tal-aħħar obbligat ruħha li tiskontja l-*bonds* favur is-soċjetà Cote d'Emeraude. B'hekk ukoll skont l-istruzzjonijiet tal-konvenut Mangion, fis-7 ta' April, 2014, il-mandatarju Dott. Lacchini in rappreżentanza tas-soċjetà Cote d'Emeraude ħallas lis-soċjetà Athos is-somma ta' €50,000. Bl-istess mod is-soċjetà Tecnofin fil-31 ta' Marzu, 2014 iffirmat ftehim mas-socjetà konvenuta Credinvest u ma' BES għall-akkwist ta' żewġ *bonds* Ġermaniżi u anki hawn huwa qatt ma ngħata l-oriġinal, iżda kopja permezz ta' *email.* Imbagħad fis-7 ta' April, 2014, Tecnofin S.A. iffirmat ftehim mas-soċjetà Omada sabiex jiġu skontjati l-*bonds.* Hawnhekk huwa għal darb'oħra ħallas l-ammont ta' €50,000 lis-soċjetà konvenuta Athos fuq struzzjonijiet tal-konvenut Mangion. Iżda BES qatt ma ottempora ruħu. B'hekk fis-17 ta' April, 2014 is-soċjetà Omada meta naqset milli tirċievi l-*bonds* avżat lis-soċjeta Cote d'Emeraude li hija kienet kisret il-ftehim ta' bejniethom, u talbet il-ħlas ta' €127,139.00 rappreżentanti danni. L-istess għamlet is-soċjetà Omada fit-12 ta' Mejju, 2014 mas-soċjetà Tecnofin, fejn talbet is-

somma ta' €148,668.00 bħala danni. L-attur min-naħa tiegħu kien sab ruħu fin-negozjati bejn il-klijenti tiegħu u s-soċjetà Omada, fejn inkorra spejjeż kbar u sofra ħsara fir-reputazzjoni tiegħu. Huwa kien talab spjegazzjoni mingħand il-konvenut Mangion għan-nuqqas ta' BES, u dan kien qallu li kien sar żball u b'hekk talbu sabiex jiffirma għan-nom taż-żewġ soċjetajiet Tecnofin u Cote d'Emeraude ftehim ieħor sabiex b'hekk isseħħ it-tranżazzjoni finanzjarja u dawn ġew iffirmati fil-21 u fit-22 ta' Mejju, 2014. Għal darb'oħra l-ftehim irċevieh permezz ta' *email* u huwa baqa' bla oriġinal. Meta talab kjarifiki mingħand il-konvenut Mangion, dan ippreżentalu lis-soċjetà Rhyperion reġistrata fis-Slovakkja, tramite Alfonso Santonicola li skont l-istess konvenut Mangion kienu l-proprjetarji tal-*bonds* u li setgħu jiskontjawhom. B'hekk ikkonvinċieh sabiex jiffirma ftehim ġdid ma' din is-soċjetà u anki ma' BES. Il-konvenut Mangion ikkonferma li huwa kien ser jgħaddi l-ammont ta' €140,000.00 lis-soċjetà Rhyperion. Għalhekk fit-3 ta' Ġunju, 2014, is-soċjetà Tecnofin u s-soċjetà Cote d'Emeraude ffirmaw ftehim mas-soċjetà Rhyperion, fejn din tal-aħħar aċċettat li tiskontja l-*bonds* li BES kien ipprometta li ser jittrasferixxi. Hawnhekk però ntalab sabiex iħallas is-somma ta' €50,000.00 u sabiex jassigura li t-tranżazzjoni sseħħ, huwa kien aċċetta. B'hekk il-konvenut Mangion u Santonicola infurmawh li l-*bonds* kienu ġew trasferiti lis-soċjetà Tecnofin u lis-soċjetà Cote d'Emeraude u kienu qed jistennew sabiex is-soċjetà Rhyperion issarrafhom. Min-naħa tiegħu l-konvenut Mangion fit-30 ta' Ġunju, 2014, bħala prova ta' dan bagħatlu permezz ta' *email* kopja ta' Swift FIN 103 iffirmata minn BES favur is-soċjetà Tecnofin fil-kont ma' ING Bank Luxembourg S.A., b'rikjesta għal skont mibgħuta lis-soċjetà Rhyperion. Bagħat ukoll kopja tat-trasferiment li sar mill-istess BES lis-soċjetà Cote d'Emeraude fil-kont

miżmum mal-bank imsemmi u bl-istess rikjesta għal skont. Madankollu t-trasferimenti xorta waħda ma seħħux. Meta kkomunika mas-soċjetà Rhyperion, dawn għal darb'oħra infurmawh li BES ma kienx għamel it-trasferiment u bejn it-8 u l-10 ta' Lulju, 2014, ġie dikjarat li kien naqas mill-obbligi tiegħu. Għalhekk is-soċjetà Rhyperion permezz ta' Alfonso Santonicola, Salvatore Vicidomini u Romano De Cesare, stiednuh sabiex jagħmel l-istess tranżazzjoni, iżda tramite bank ieħor li huma kienu jaħdmu miegħu. B'hekk reġa' sar ftehim ieħor mas-soċjetà Rhyperion u mal-bank VTB Bank (Austria) AG kif issuġġerit. Il-konvenut Mangion għal darb'oħra bagħtalu kopja ta' żewġ Swift MT103, iżda t-trasferiment ma sarx. Għalhekk bejn l-14 u t-18 ta' Awwissu, 2014, l-Avukat Alessandro Santoro għan-nom tal-erba' kumpanniji li l-mandatarju kien jirrappreżenta, talab formalment kjarifika mingħand BES u VTB Bank AG. Tal-ewwel qatt ma kien preċiż fir-risposta tiegħu u t-tieni bank wieġeb li huwa ma kienx jaf bil-ftehim. L-attur beda jissuspetta li d-dokumenti li kienu ngħataw lilu mill-konvenut Mangion u minn Santonicola bil-firem tad-direttur ta' Banco de Espirito Santo u ta' VTB Bank AG, kienu foloz u għalhekk huwa kien qed jitlob mingħand il-konvenut Mangion ir-rifużjoni tas-somma ta' €140,000.00 u anki l-ammont ta' €50,000.00 li huwa kien ħallas lis-soċjetà Rhyperion. Huwa kien qed jitlob ukoll il-ħlas tad-danni sofferti bħala riżultat tar-reġistrazzjoni ta' kumpanniji ġewwa l-Lussemburgu fl-ammont ta' €124,000.00, flimkien mal-ispejjeż legali u spejjeż oħra fosthom spejjeż tal-ivvjaġġar u penalitajiet fis-somma ta' €470,000.00.

Waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016, xehed **Melvin Mallia**[19], prodott mill-attur, li qal li huwa jaħdem fl-uffiċċju tal-*Payments and Banking Operations* fil-

[19] *A fol.* 348 *et seq.* tal-proċess.

Bank Ċentrali, fejn jgħaddu l-pagamenti. Qal li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jagħti nformazzjoni fuq l-eżistenza o meno ta' Bank Deutschland AG.

Xehdet ukoll minn jeddha waqt l-istess udjenza **Claudia Ursula Badstubbe**[20], prodotta mill-attur, li rrilevat li hija kienet mart l-attur u spjegat li l-pagamenti in wistjoni kienu saru mill-kont tal-familja lill-konvenut Mangion.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2016, xehed l-**Avukat Jean Noel Cutajar**[21], prodott mill-attur. Irrileva li huwa kien jaħdem fid-dipartiment legali tal-Bank Ċentrali. Spjega li minn riċerka f'żewġ *databases* separati hu seta' jikkostata li Bank Deutschland AG ma kienx jeżisti, iżda ma setax jgħid li r-riċerka tiegħu kienet mija fil-mija korretta.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2016, xehdet **Audrey Ghigo**[22], prodotta mill-attur, li qalet li kienet taħdem fl-uffiċċju legali tal-HSBC Bank Malta p.l.c. u li kienet qiegħda tirrappreżenta l-istess bank. Ix-xhud ippreżentat evidenza ta' trasferimenti ta' flus li saru tnejn minnhom għall-kont tal-konvenut Mangion u ta' Dott. Claude Mangion, ieħor għall-kont tas-soċjetà konvenuta Creditinvest u ieħor għall-kont tas-soċjetà konvenuta Athos, u li ġew immarkati Dok. AG1[23] u Dok. AG2[24], Dok. AG3[25] u Dok. AG4.[26]

[20] *A fol.* 355 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 362 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 393 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 397.
[24] *A fol.* 400.
[25] *A fol.* 402.
[26] *A fol.* 404.

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2016, reġgħet xehdet **Audrey Ghigo**[27]**,** li esebiet kopja ta' *statement* ta' kont tas-soċjetà konvenuta Athos, li ġie mmarkat Dok. AGG1[28], u *statements* ta' diversi kontijiet tas-soċjetà konvenuta Credinvest, li ġew immarkati Dok. AGG2 sa Dok. AGG5.[29]

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2018, xehed minn jeddu l-attur **Dott. Marco Lacchini**[30], li spjega li huwa kien ġie ppreżentat bl-isem tal-konvenut Mangion minn ħabib komuni tagħhom Aldo Pallesci. Sussegwentement huwa kien ġie hawn Malta fejn iltaqa' mal-konvenut fl-uffiċċju tiegħu fi Triq l-Arċisqof, il-Belt fit-22 ta' Ottubru, 2013, fejn spjegalu dak li kienu qegħdin ifittxu l-mandanti tiegħu. Xi jiem wara l-konvenut Mangion kien ġie lura u ppromettielu li setgħet tinstab soluzzjoni, iżda kellu l-bżonn depożitu sabiex jista' jibda jaħdem fuqha. L-attur qal li huwa min-naħa tiegħu aċċetta u nħarġu l-fatturi relattivi mill-konvenut Mangion, filwaqt li l-attur ħa ħsieb li jsir il-ħlas rikjest. Dan kien bejn Novembru 2013 u Jannar 2014. Il-konvenut Mangion issuġġerixxa wkoll li jiġu kostitwiti erba' kumpanniji separati u l-attur kien aċċetta li dawn jiġu reġistrati ġewwa l-Lussemburgu. Wara dan kollu, il-konvenut Mangion qallu li huwa kien sab soluzzjoni billi jinħoloq rahan fuq titoli ta' kreditu tad-Deutsch Bank konsistenti *f'bonds,* u fl-istess ħin spjegalu li huwa kellu ħbieb ġewwa Londra li kienu lesti li jiskontjaw dawn it-titoli mirhuna. Il-konvenut Mangion offra kemm li jakkwista l-istrument finanzjarju, kif ukoll li jsib min kien lest li jiskontjah. B'hekk ġie ffirmat il-ftehim bejn is-soċjetà Tecnofin u BES mal-konvenut Mangion. Huwa kien irċieva l-istess permezz ta' *email,* iżda qatt ma

[27] *A fol.* 414 *et seq.* tal-proċess.
[28] *A fol.* 418.
[29] *Ibid.*
[30] *A fol.* 429 *et seq.* tal-proċess.

ntbagħat l-oriġinal. Sa April huwa kien ħallas ukoll lill-konvenut Mangion €100,000.00, mill-kont tas-soċjetà Tecnofin inkwantu għal €50,000.00 u mill-kont tas-soċjetà l-oħra inkwantu għal €50,000.00. Min-naħa tiegħu huwa kien saqsa lill-konvenut Mangion x'kien qed jiġri u dan kien assigurah li ma kien hemm l-ebda problema, iżda kien hemm biss malintiż. Fil-frattemp kien ukoll sar il-kuntratt għall-iskontjar tal-*bonds,* iżda dawn baqgħu ma waslux, tant hu hekk li s-soċjetà Omada kienet infurmat lill-attur u lill-mandanti tiegħu li kien hemm ksur tal-ftehim ta' bejniethom u b'hekk kienet qiegħda titlob ħlas ta' danni. Lill-attur kienu spjegawlu li l-BES kien għaddej minn diffikultajiet finanzjarji u saħansitra dan irriżulta li kien veru għaliex ma baqax jopera. B'hekk qalulu li minflok il-*bonds* kien ser joffrihom bank Awstrijak bl-isem VTB Bank. Il-konvenut Mangion kien qallu sabiex iħallas €50,000.00 ħalli ssir it-tranżazzjoni, u peress li f'dan il-punt ma tantx kellu għażla, l-attur ħallas ukoll din is-somma. Imbagħad huwa kien bagħat xi nies il-VTB Bank Vienna bid-dokumenti li kien bagħtlu l-konvenut Mangion, iżda dawn bilkemm ma kinux ġew arrestati meta ppreżentaw dawk id-dokumenti. Ix-xhud jallega frodi u l-aħħar darba li kien għamel kuntatt mal-konvenut Mangion kien proprju meta talbu l-flus lura tal-ħlas li huwa kien għamel. Ikkonferma li b'kollox huwa kien ħallas minn butu €190,000.00 lill-konvenut Mangion, filwaqt li esebixxa dokument b'riassunt ta' kif ġara l-każ, li ġie mmarkat bħala Dok. MLL1.[31]

Permezz ta' nota l-attur ppreżenta kopja ta' dokument bankarju maħruġ minn UBS għat-trasferiment ta' €10,000.00 mill-kont tas-soċjetà Elite Licensing Company SA lis-soċjetà Creditinvest immarkat bħala Dok. ML 01/A[32], kopja ta'

[31] *A fol.* 25.
[32] *A fol.* 438.

erba' dokumenti maħruġa minn Euroclear Bank għal *securities search* fuq is-soċjetà Cote d'Emeraude u fuq is-soċjetà Tecnofin, immarkati bħala Dok. ML 02/A sa Dok. ML 02/D[33], u kopja ta' kuntratt bejn is-soċjetà Omada u s-soċjetà Cote d'Emeraude datat 19 ta' Marzu, 2014, immarkat bħala Dok. ML 03/A.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' April, 2018, xehed in kontroeżami l-attur prodott mill-konvenuti. Ikkonferma li l-konvenuti Mangion qatt ma ffirmaw ftehim fil-kwalità personali tagħhom ma' xi waħda mis-soċjetajiet mandanti tiegħu. L-attur spjega li huwa kien ikkostitwixxa u rreġistra erba' kumpanniji fil-Lussemburgu fuq parir tal-konvenut Mangion. Il-proċess kien bdieh tlett ijiem wara li ltaqa' mal-imsemmi konvenut fit-22 ta' Ottubru, 2013, u s-soċjetajiet kienu reġistrati sa ħmistax-il jum wara. Il-konvenut Mangion kien talbu ħlas komplessiv ta' €40,000.00 għas-servizzi tiegħu u l-mandatarju saħaq li l-ħlas kien wieħed komplessiv b'mod li huwa kien garantit li kienet ser tirnexxi l-operazzjoni sħiħa. Iżda fil-fatt il-konvenut Mangion kien qallu li ma kien sab l-ebda mod kif jilħaq l-eżiġenzi ta' tnejn mill-erba' kumpanniji. Dan kien għall-ħabta ta' Novembru jew Diċembru. L-attur rrileva li qabel ma għadda l-pagament lill-konvenut Mangion, huwa kien tah id-dokumenti kollha relattivi u b'hekk il-konvenut Mangion seta' jkun jaf jekk kienx hemm xi problema fil-finanzjament tal-proġett tal-klijent. Imbagħad il-konvenut flimkien mas-soċjetà Omada kienu ffirmaw ftehim għall-iskont tal-*bonds* li huwa sostna li kienu foloz. Dan kien aktar tard f'Marzu jew f'April. Spjega li fir-rigward tas-soċjetà Tecnofin u dik Cote d'Emeraude, kienu ġew ippreżentati *bonds* foloz, iżda l-konvenut Mangion ma kien ippreżenta l-ebda soluzzjoni fir-rigward taż-żewġ

---

[33] *A fol.* 439 sa 443.

soċjetajiet l-oħra. Filwaqt li ġie muri dokument intestat *Letter of Engagement*[34] bid-data tas-16 ta' Marzu, 2014, l-attur stqarr li kien għall-ħabta ta' Mejju 2014 li l-konvenut kien ippreżentalu lil Santonicola wara li l-konvenut Mangion ma kienx sab soluzzjoni. Huwa dejjem segwa l-istruzzjonijiet tal-konvenut Mangion stante il-ftehim li kellu miegħu, u hu kien jiffirma bil-fiduċja kollha. Fir-rigward ta' Santonicola, il-konvenut Mangion kien qallu li dan kien il-proprjetarju fiżiku tal-*bonds* li kienu fil-pussess tal-bank. Anki lil Louis Palma huwa ma kienx jafu, iżda għamel kif qallu l-konvenut Mangion.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018, kompla jixhed in kontroeżami l-attur **Dott. Marco Lacchini**. Mistoqsi dwar il-pagamenti li huwa kien għamel lis-soċjetà Atos, jekk dawn kinux tħallsu lil kumpanija oħra ta' Santonicola, ix-xhud stqarr li huwa kien għaddihom lill-konvenut Mangion u daqshekk kien jaf. Stqarr ukoll li n-negozjati ma kinux tkomplew ma' Santonicola mid-data tas-16 ta' Marzu, 2014, meta huwa ffirma l-ftehim miegħu. Spjega li meta huwa ffirma kull ftehim, dan għamlu *in bona fede* u għaliex kellu kull fiduċja fil-konvenut Mangion. Muri dokument immarkat Dok. XX1[35] ix-xhud stqarr li ma kienx jaf bih dan id-dokument u muri Dok. XX2[36] datat 23 ta' Mejju, 2014, spjega li dan kien ingħata lilu mill-konvenut Mangion fejn talbu għal pagament ulterjuri. Min-naħa tiegħu huwa kien saħaq li mhux ser joħroġ aktar flus, iżda kellu jbiddel fehemtu meta l-konvenut Mangion qallu li jekk ma jħallas l-ammont rikjest, huwa kien ser jitlef €50,000.00. Kien qallu wkoll li seta' jħallas direttament lil Santonicola, iżda dan ma kienx għad iltaqa' miegħu fit-23 ta' Mejju, 2014. Muri Dok. 6 a *fol.* 167 sa 180, ix-xhud spjega li l-*bonds* qatt ma

[34] *A fol.* 454.
[35] *A fol.* 466.
[36] *A fol.* 468.

waslu. Spjega wkoll BES kien ġie ppreżentat lilu bħal fil-każ ta' Louis Palma, mill-konvenut Mangion. Insista li dan kien dejjem ippreżentah b'dokumenti dubjużi, filwaqt li huwa kien għaddielu €140,000.00 u telaq bihom. Dak li wasal għandu mingħand BES kien tahomlu l-konvenut Mangion. Sussegwentement dan il-bank kien falla. Imbagħad il-konvenut Mangion kien issuġġerixxa l-VTB Bank ta' Vienna, iżda meta marret persuna personalment għand dan il-bank, irriżulta li dawn ma kienu jafu b'xejn. Spjega li meta falla l-BES, il-konvenut Mangion kien issuġġerixxa minfloku l-VTB Bank, iżda xorta waħda l-*bonds* baqgħu mhux skontjati u għalhekk kien saqsa lill-konvenut Mangion għaliex ma kien sar xejn, u proprju hawnhekk ma baqax jisma' mingħandu. Mistoqsi dwar l-ittri li bagħat lill-i*studio legale* ta' Alessandro Santoro, ix-xhud spjega li dawn kienu ntbagħtu kemm lill-konvenut Mangion u anki lil Santonicola għall-ħabta tat-8 ta' Settembru, 2014. Hekk kif hu kien għamel it-talba għal rifużjoni tal-flus ma' Santonicola, dan kien sparixxa.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2018, xehed **l-Avukat Nicola Gandini**[37] prodott mill-attur. Irrileva li Dott. Mario Lacchini ma setax jivvjaġġa għal raġunijiet ta' saħħa u in sostenn ta' dan huwa ppreżenta ċertifikat mediku li ġie mmarkat Dok. NGG1.[38] Esebixxa kopja ta' *email*[39] datata s-27 ta' Novembru, 2018, li huwa bagħat fl-indirizz tal-kredituri tal-BES u lil Novo Banco li kien sostitwixxa dak tal-ewwel, fejn talab għall-informazzjoni dwar jekk Louis Palma kienx fil-passat inkarigat bil-finanzi ta' dak il-bank jew ta' xi entità dipendenti fuq l-istess bank.

---

[37] *A fol.* 475 *et seq.*
[38] *A fol.* 477.
[39] *A fol.* 478.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019, xehed in kontroeżami **Dott. Marco Lacchini**.[40] Fir-rigward tal-ftehim li ġie ffirmat fil-21 ta' Mejju, 2014, u l-ieħor fit-22 ta' Mejju, 2014, spjega li dawn huwa kien irċeviehom mingħand il-konvenut Mangion. L-istess fir-rigward tal-ftehim li kien esebit a *fol.* 354 tal-proċess. Ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex huwa jonqos milli jagħti l-firma tiegħu għaliex huwa kellu l-fiduċja fil-konvenut Mangion. Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim kollu li sar ma' VTB kien l-istess jekk mhux identiku għal dak li sar ma Banco Espirito Santo. Spjega li Santonicola u s-soċji tiegħu huwa sar jafhom permezz tal-konvenut Mangion. Ix-xhud ġie muri *email* tiegħu stess tas-7 ta' Awwissu, 2014[41], u rrileva li huwa ma kienx ingħata risposta mill-konvenut Mangion għaliha. Muri dokument a *fol.* 341 u 343 tal-proċess, ikkonferma li huwa kien inkariga l-avukat sabiex jibgħathom, iżda ma setax jispjega għaliex ma ġewx indirizzati lis-soċjetà konvenuta Credinvest jew lill-konvenut Mangion. L-avukat inkwistjoni ikkonferma li kien l-avukat ta' xi klijenti tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' April, 2019, xehed minn jeddu bl-ilsien Ingliż il-konvenut **Alain Mangion**. Spjega li huwa kien inkorpora s-soċjetà Credinvest International Corporate Finance Limited fis-sena 1995 u huwa kien il-*managing director* ta' din il-kumpannija li kienet toffri servizzi ta' konsulenza dwar finanzi lill-klijenti internazzjonali, billi tagħti pariri u għajnuna għall-finanzjament ta' proġetti. Huwa kien sar jaf lill-attur f'Awwissu 2013 meta bdew jikkomunikaw ma' xulxin permezz ta' *Skype* u ftiehmu sabiex dan jiġi jiltaqa' miegħu hawn Malta f'Ottubru 2013. Huma kienu ltaqgħu u ftiehmu fuq ħlas ta' €10,000.00 mingħand kull klijent bi proġett separat. Il-konvenut

[40] *A fol.* 482 *et seq.*
[41] Dok. AA1 a *fol.* 492.

Mangion qal li l-attur kellu xi problemi bit-trasferiment tal-flus u kien għalhekk li huwa kien tah in-numru tal-kont personali tiegħu f'tentattiv li fl-aħħar it-trasferiment jirnexxi. Kien għall-ħabta ta' Jannar meta rċevew il-flus u b'hekk huma bdew jeżaminaw id-dokumenti fir-rigward tal-erba' kumpanniji. Huma bdew jaħdmu fuq il-finanzjament rikjest minn waħda mill-kumpanniji u anki fuq dak tat-tieni waħda, iżda f'ħin minnhom l-attur qalilhom li l-prijorità kellhom ikunu s-soċjetà Tecnofin u s-soċjetà Cote d'Emeraude minħabba kwistjoni ta' urġenza, peress li dawn kien qed ikollhom problemi mal-banek rispettivi tagħhom. Spjega li dak iż-żmien l-attur kien diġà ħa ħsieb li jinkorpora l-istrutturi neċessarji fil-Lussemburgu. Għall-aħħar ta' Jannar bidu ta' Frar 2014, huma kienu infurmaw lill-attur li kien seta' forsi jgħinhom ċertu Santonicola li kien imexxi struttura finanzjarja partikolari billi jagħmel għad-dispożizzjoni tagħhom ċerti *bonds* li setgħu mbagħad jintużaw miż-żewġ kumpanniji separatament sabiex jottjenu l-finanzjament neċessarju. L-istess Santonicola qalilhom ukoll li huwa kien qiegħed fil-proċess li jinkorpora struttura fis-Slovakkja bl-isem ta' Rhyperion, b'dana li kellhom jgħaddu ftit ġimgħat qabel ma din setgħet tkun f'pożizzjoni li tiffirma. Għalhekk kien ġie deċiż li d-dokumenti jiġu ffirmati ma' BES u Credinvest, u fil-fatt meta ġiet inkorporata s-soċjetà Rhyperion, dawn ġew ikkanċellati u sar ftehim ġdid magħha. Il-konvenut Mangion aċċetta li kien minnu li d-depożitu li għamel l-attur u dovut lis-soċjetà Rhyperion kien tħallas fil-kont tas-soċjetà konvenuta Atos. Sussegwentement huwa kien introduċa lill-attur u lil Santonicola sabiex b'hekk dawn setgħu jikkomunikaw ma' xulxin mingħajr l-intervent tiegħu. Kien proprju hawnhekk li l-attur ma segwiex il-parir tiegħu u stenna qabel ma jingħalqu l-ewwel żewġ tranżazzjonijiet sabiex jiġu konklużi n-negozjati

permezz ta' ftehim bejn is-soċjetà Rhyperion u s-soċjetajiet rispettivi Aurans u Building Investments. Iżda fl-istess ħin f'Awwissu 2014 kien hemm xi diżgwid bejn l-attur u Santonicola, tant hu hekk li dak l-attur kien kitiblu. Iżda l-konvenut Mangion ma xtaqx jindaħal u qalilhom sabiex jaslu fi ftehim mingħajru.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2019, xehed minn jeddu għal darb'oħra l-konvenut **Alain Mangion**.[42] Spjega li l-ftehim a *fol.* 85 tal-proċess kellu jkun wieħed temporanju sakemm is-soċjetà Rhyperion kienet bdiet tiffunzjona. B'hekk imbagħad is-soċjetà konvenuta Credinvest kienet ħarġet mix-xena. Spjega li kien hemm xi punti li s-soċjetà Rhyperion bħala dik is-soċjetà li kienet qiegħda tipprovdi l-*bonds,* ma kinitx qiegħda taċċetta u għalhekk is-soċjetà Omada ġiet sostitwita b'BES, li pproponieh Santonicola. Huwa min-naħa tiegħu qatt ma kellu kuntatt ma' BES. Fir-rigward tal-i*statements* a *fol* 199 u 200, il-konvenut Mangion spjega li kien jidher li sar ħlas minn bank Żvizzeru għas-servizzi ta' konsulenza li kellu jagħti Santonicola. Ikkonferma li d-dokument a *fol.* 454 kien sar ad insaputa tiegħu u wasal għall-attenzjoni tiegħu f'Awwissu jew Settembru 2014. Sadanittant il-BES daħal f'kriżi finanzjarja f'Lulju ta' dik is-sena, bħalma ġara lil banek oħra, u kien indaħal il-Gvern. Spjega li skont Santonicola s-soċjetà Rhyperion għalhekk bdiet taħdem ma' VTB Bank u b'hekk il-ftehim reġa' sar mill-ġdid ma' dan, ftehim wieħed fejn is-soċjetà Rhyperion kienet ser tpoġġi l-*bonds* għad-dispożizzjoni tal-klijent tagħha, u l-ieħor kien is-self innifsu. Irrileva li l-erba' ittri tal-Avukat Santoro a *fol.* 304 sa 343 tal-proċess huwa qatt ma kien irċeviehom. Il-konvenut Mangion spjega li s-soċjetà konvenuta Atos ukoll kienet kumpannija tiegħu u kien jużaha bħala

[42] *A fol.* 503 *et seq.*

*client account* u wkoll bħala *escrow account.* Il-flus li daħlu mingħand l-attur fil-kont ta' din il-kumpannija kienu nżammu bħala *escrow* qabel ma jintbagħtu lis-soċjetà Rhyperion, kif fil-fatt sar bi ftehim ma' Santonicola u l-attur. Il-konvenut Mangion esebixxa kopja ta' *account statement* tal-kont tas-soċjetà Athos, li ġie mmarkat Dok. AMA1.[43]

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019, kompla jixhed il-konvenut **Alain Mangion**[44] minn jeddu. Ippreżenta kopja ta' *letter of engagement* li ġiet mmarkata bħala Dok. AMA2[45] li kien għaddihielu Santonicola ftit jiem qabel u li kienet ġiet iffirmata bejn l-istess Santonicola u l-attur, datata 29 ta' Lulju, 2014. Sostna li r-rapport bejn dawn iż-żewġ persuni beda f'Marzu ta' dik is-sena u kompla għaddej sal-aħħar ta' Lulju b'negozju ulterjuri.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti qabelxejn terġa' tirritjeni li x-xhieda tal-attur mhijiex daqstant ċara, saħansitra anki fir-rigward tas-sekwenza ta' dak li ġara, u jidher ukoll li hemm fatti rilevanti għall-vertenza odjerna li huwa għażel li ma jixhidx fid-dettall dwarhom, jew f'każijiet minnhom għażel li ma jixhed xejn dwarhom. F'ċerti istanzi x-xhieda tal-attur ma taqbilx mad-dokumenti esebiti minnu stess. B'hekk pereżempju mhux ċar mix-xhieda tiegħu r-relazzjoni li huwa beda jibni ma' Santonicola, u ma jirriżulta xejn fir-rigward tal-inkarigu li ngħata l-istess Santonicola, b'dana li l-Qorti tosserva li l-interpellazzjoni legali magħmula mill-

[43] *A fol.* 511.
[44] *A fol.* 515 *et seq.*
[45] A *fol.* 517.

Avukat Santoro[46] għan-nom ta' kull waħda mill-erba' soċjetajiet li l-attur kien jirrappreżenta, saret proprju fil-konfront tas-soċjetà Rhyperion rappreżentata mill-istess Santonicola. Imbagħad filwaqt li fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li kien bagħat xi nies personalment lil VTB Bank fl-Awstrija, fejn dan il-bank iddikjara li huwa ma kienx jaf bid-dokumenti jew bil-ftehim li huma ġew murija, fl-interpellazzjoni fuq imsemmija jirriżulta li huwa kien irċieva dikjarazzjoni mingħand dak il-bank fejn Bernhard Schmidt infurmah fit-2 ta' Settembru, 2014, li tali bank ma kien jaf xejn bil-ftehim li ġew ippreżentati lilhom. Il-liġi tirrikjedi li l-obbligu tal-prova jaqa' fuq min jallega u għalhekk dawn in-nuqqasijiet ixejnu l-pożizzjoni tal-attur u l-Qorti ma tistax ma tiħux dan kollu inkonsiderazzjoni hija u tiddeċiedi jekk il-pretensjonijiet tiegħu humiex ġustifikati.

L-attur fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2018[47] jgħid li meta kien ġie ssuġġerit lilu l-isem tas-soċjetà Credinvest, huwa kien jaf li din kellha isem tajjeb fin-negozju tal-finanzi, iżda mbagħad jinsisti wkoll diversi drabi li huwa kien inkariga direttament lill-konvenut Mangion u fil-fatt in-negozjati dejjem saru miegħu direttament. Madankollu sa mill-bidu jidher li r-relazzjoni ġuridika kellha tkun ċara għaliex l-erba' fatturi għall-ħlas tas-servizzi li kellhom jiġu reżi nħarġu mis-soċjetà Credinvest, b'indikazzjoni saħansitra tan-numru ta' reġistrazzjoni tagħha bħala kumpannija hawn Malta.[48] Għalkemm il-Qorti qieset li wħud mill-fatturi ġew saldati fil-kont intestat f'isem is-soċjetà Athos jew f'isem il-konvenut Mangion personalment, tgħid li fejn eventwalment sar il-pagament huwa rrilevanti għaliex is-soċjetà Credinvest għandha kull dritt li

[46] *Ibid.*
[47] A *fol.* 429.
[48] Ara *fol.* 72, 73, 74 u 75.

titlob li l-ħlas isir mod ieħor minn dak indikat fil-fattura u dan ma jnaqqas xejn mir-relazzjoni ġuridika li tkun issawwret. Fin-nuqqas ta' kull prova oħra li turi li l-inkarigu kien għadda għal fuq xi wieħed jew waħda mill-konvenuti l-oħra, din il-Qorti tgħid li s-soċjetà Credinvest, bl-esklużjoni tal-konvenuti l-oħra, hija l-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tosserva bħala fattur importanti għad-deċiżjoni tal-vertenza odjerna, il-fatt li qatt ma ġie ffirmat ftehim bejn l-attur u s-soċjetà Credinvest għall-inkarigu li kien qed jingħata lilha. L-uniċi dokumenti li huma xhieda ta' din ir-rabta huma proprju l-erba' fatturi fuq imsemmija, u hawnhekk ukoll il-Qorti tosserva li tnejn minnhom fir-rigward taż-żewġ soċjetajiet Aurans u Building Investments, inħarġu direttament lilhom. Għalkemm il-Qorti qieset ukoll il-*Mutual Confidentiality Non-disclosure and Non-Circumvention Fee Agreement* li kellu jsir bejn is-soċjetà konvenuta Credinvest u s-soċjetà Tecnofin fit-2 ta' April, 2014, ma tistax tikkunsidra li dan għandu s-saħħa li jorbot il-partijiet peress li tonqos il-firma tas-soċjetà konvenuta Credinvest. Għalhekk hija biss ix-xhieda tal-attur min-naħa waħda u dik tal-konvenut Mangion bħala *managing director* tas-soċjetà konvenuta Credinvest min-naħa l-oħra, dwar proprju x'kien l-inkarigu ta' din tal-aħħar li ser twassal lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni odjerna, u dan dejjem fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet magħmula hawn fuq minn din il-Qorti.

Il-konvenut Mangion irrileva li kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, huwa kien sab mod ta' kif iż-żewġ soċjetajiet l-oħra setgħu jakkwistaw il-finanzjament neċessarju, iżda l-attur kien insista miegħu illi l-finanzjament rikjest mill-ewwel żewġ soċjetajiet kien aktar urġenti u l-konvenut Mangion

kellu jagħtih prijorità.[49] L-attur min-naħa tiegħu xehed fil-qasir mingħajr ma spjega għaliex il-konvenut Mangion kien qallu li ma sabx soluzzjoni fir-rigward tal-ewwel żewġ soċjetajiet. Fil-fatt hija x-xhieda tal-konvenut Mangion stess li titfa' dawl fuq id-diffikultajiet li huwa kellu sabiex isib il-finanzjament tal-proġetti li riedu jidħlu għalihom dawn iż-żewġ soċjetajiet rispettivament[50] u l-Qorti tosserva li l-attur hawnhekk għażel li ma jagħmel l-ebda kontroeżami tal-imsemmi konvenut Mangion, u għalhekk tqis li l-fatti kif jixhed fuqhom dan tal-aħħar, mhumiex kontestati mill-attur u ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuqhom. B'hekk il-Qorti tqis li fil-fatt is-soċjetà konventa Credinvest kienet offriet soluzzjoni lill-attur għall-finanzjament rikjest mis-soċjetà Aurans u mis-soċjetà Building Investments, iżda kien huwa stess skont id-diskrezzjoni tiegħu li waqqaf l-inkarigu u ma tirriżulta l-ebda raġuni hawn imputabbli lis-soċjetà konvenuta Credinvest.

Għal dak li jirrigwarda l-kumplament tal-inkarigu, il-konvenut Mangion jispjega l-urġenza tal-attur f'ċertu punt peress li l-klijenti tiegħu kienu qegħdin isibu diffikultajiet mal-banek rispettivi tagħhom. Għalhekk jgħid il-konvenut Mangion li fi Frar 2014 huma kienu infurmaw lill-attur li Santonicola kien qed jaħdem sabiex iwaqqaf struttura fi Slovakkja bl-isem ta' Rhyperion, li kienet ser tkun tista' tgħin lill-klijenti tiegħu billi tpoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom *bonds* li mbagħad setgħu jintużaw sabiex huma jottjenu l-finanzi neċessarji għall-proġetti tagħhom. Iżda peress li kien hemm bżonn ta' diversi ġimgħat sakemm tiġi inkorporata din l-istruttura, kien ġie deċiż li jiġi mill-ewwel iffirmat ftehim bejn l-imsemmija klijenti li kellhom bżonn is-self, il-Banco Espirito Santo

[49] Seduta tat-08.04.19, a *fol.* 496.
[50] *Ibid.*

u l-istess soċjetà konvenuta Credinvest, b'dana li dan il-ftehim aktar tard jiġi sostitwit permezz ta' ftehim ieħor, din id-darba ma' dik li kienet ser tkun is-soċjetà Rhyperion. Il-konvenut Mangion jinsisti fir-rigward tal-attur li *"...he was fully aware of what was happening and so on."* Iżda f'Marzu 2014, il-konvenut Mangion iddeċieda li jkun aħjar li dawn iż-żewġ persuni ta' nazzjonalità Taljana jikkomunikaw direttament ma' xulxin minflok jużaw lilu bħala mezz ta' komunikazzjoni, u kien proprju hawn li laqqagħhom permezz ta' *Skype* u sussegwentement dawn iż-żewġ persuni kienu wkoll iltaqgħu. L-attur min-naħa tiegħu dejjem insista li huwa kien jafda fil-konvenut Mangion u kien dejjem jiffirma meta kien jitolbu għall-firma tiegħu. Huwa jonqos għalkollox li jixhed dwar il-kwistjoni tal-istruttura tas-soċjetà Rhyperion li ħadet xi żmien sabiex tiġi inkorporata, u allura l-ftehim kellu jerġa' jsir proprju għal din ir-raġuni u għar-raġuni tal-urġenza da parti tal-klijenti tiegħu li jinbeda l-proċess ta' finanzjament u mhux għal xi raġuni li tista' din il-Qorti tqis li twassal għal aġir abbużiv u/jew illegali da parti tas-soċjetà konvenuta Credinvest. Għal darb'oħra l-attur għażel li ma jagħmel l-ebda kontroeżami tal-konvenut Mangion u hawn ukoll għalhekk il-Qorti ma ssibx għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ix-xhieda tiegħu. Saħansitra għalhekk jirriżulta li minn hawn 'il quddiem il-konvenuta Credinvest ħarġet mix-xena, anzi l-Qorti tgħid li jirriżulta minn dak li jkompli jgħid il-konvenut Mangion li kien proprju l-attur li ddeċida li jkompli bis-servizzi ta' Santonicola, iżda mhux b'dawk tas-soċjetà konvenuta Credinvest:

> *"...Lacchini wanted to do more with Mr. Santonicola, I myself had advised that it was probably better to let the first two deals run their course before engaging into other transactions but Mr. Lacchini unfortunately is not one to listen to anyone's advice and he did what he thought was right himself and therefore he went ahead*

*and without my knowledge at all and I found out many months later when I was speaking to Santinicola, he went ahead and signed that contract that we have seen in March 2014 between him directly and Mr. Santinicola at that point. ... the same Banco Spirito Santo ran into it's own difficulties as we know, ... and yet again the same contracts between Technofin and Court Demiro respectively and Riberian, the ones which mentioned Banco Spirito Santo were subsequently replaced again by client called Demiro and Technofin, Riberian Capital and this time VTB. We had no part in this ourselves."*

Hawnhekk ukoll l-attur għażel biex konvenjentement ma jixhidx dwar il-fatti kollha, filwaqt li għażel għal darb'oħra li ma jagħmel l-ebda kontroeżami tal-konvenut Mangion. B'hekk il-Qorti ser tistrieħ fuq dak li jgħid il-konvenut, li wara kollox ukoll tista' tqiesu bħala kredibbli fid-dawl tal-ftehim tas-16 ta' Marzu, 2014[51], u dak magħmul fid-29 ta' Lulju, 2014[52], u wkoll fid-dawl tal-fatt li l-Avukat Santoro interpella[53] proprju lis-soċjetà Rhyperion u dan fir-rigward ta' kull waħda mill-erba' soċjetajiet li l-attur jirrappreżenta.

Il-Qorti tosserva li l-istess servizzi finanzjarji li l-attur kien inkariga lis-soċjetà konvenuta Credinvest sabiex teżegwixxi, sussegwentement fis-16 ta' Marzu, 2014 u wara din id-data, l-attur kien ta l-istess inkarigu lil Santonicola. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dawn iż-żewġ dokumenti:

- Il-*Letter of Engagement*[54] tas-16 ta' Marzu, 2014, iffirmata direttament ma' Santonicola sabiex jiġu prestati s-servizzi tiegħu lill-attur;
- id-dikjarazzjoni[55] magħmula mill-attur fit-23 ta' Mejju, 2014, id-data meta allegatament huwa ltaqa' personalment l-ewwel darba ma'

[51] *Ibid.*
[52] *A fol.* 518.
[53] *Ibid.*
[54] *A fol.* 454.
[55] *A fol.* 468.

> Santonicola, fejn intrabat li jħallas b'mod irrevokabbli u mingħajr l-ebda kondizzjoni, għall-kuntrarju ta' dak li jkompli jgħid fl-istess dikjarazzjoni, lis-soċjetà Rhyperion is-somma ta' €50,000.00 sabiex *"**condizionatamente e solo al verificarsi della positiva conclusione** di un'operazione di finanziamento da parte del Banco Espirito Santo BES Finance Ltd garantito da collaterali messi a disposizione da terzi dell'importo complessivi di 4.000.000 € (quattro milioni di euro) suddiviso in parti uguwali tra i beneficiari Cote d'Emeraude SA – Lussemburgo e Tecnofin SA 0 Lussemburgo".*

Għandu jingħad ukoll li dan kollu kien jafu sew l-attur, għaliex kif jgħidu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-ittra interpellatorja tal-Avukat Santoro ma kinitx diretta lejn l-istess konvenuti jew lejn xi ħadd minnhom, iżda saret fil-konfront ta' Santonicola u tas-soċjetà Rhyperion. Fix-xhieda tiegħu fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018 l-attur jikkonferma li hawn huwa kien straħ fuq il-parir tal-avukati tiegħu.[56] Fix-xhieda tiegħu f'seduta sussegwenti fit-8 ta' Marzu, 2019, l-attur jipprova jaħrab milli jispjega għaliex dawn l-istess ittri interpellatorji ma sarux fil-konfront tal-konvenut Mangion jew fil-konfront ta' Credinvest, billi jgħid li l-Avukat Santoro ma kienx l-avukat tiegħu iżda l-avukat tal-klijenti tiegħu u li kien proprju l-avukat li kellu jirrispondi għaliex l-ittri tiegħu ma sarux fil-konfront ta' dawn iż-żewġ konvenuti. Madankollu l-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-attur dejjem iddikjara li huwa kellu r-rappreżentanza tal-erba' soċjetajiet klijenti tiegħu, tqis li mhux b'kumbinazzjoni dawn iddeċidew kollha kemm huma li jinkarigaw l-istess

[56] *A fol.* 464.

avukat. Dan kollu juri mhux biss li ftit wara li l-konvenut Mangion laqqa' lil Santonicola mal-attur, dan tal-aħħar għażel li ma jkomplix jinkariga lis-soċjetà konvenuta Credinvest, iżda li l-istess inkarigu kellu jwettqu l-istess Santonicola tramite wkoll is-soċjetà Rhyperion imwaqqfa minnu, kif ukoll li huwa kien jaf sew li kull nuqqas allegat bla dubju, kif sabet din il-Qorti, ma kienx tort u ma setax jimputah lis-soċjetà konvenuta Credinvest.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi:**

**1. Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;**

**2. Filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom limitatament fil-konfront tal-konvenuti Alain Mangion u martu Dr Maria sive Mariella Mangion u s-soċjetà Athos International Limited, tilqa' t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tagħhom u tastjeni milli tiddeċiedi dwar l-aħħar eċċezzjoni ġaladarba l-Qorti ma sabitx ħtija imputabbli lis-soċjetà Credinvest.**

**Bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**